# IS-SIT PREISTORIKU TA' SKORBA

L-ewwel nies li rifsu fuq il-Gżejjer Maltin ġew minn Sqallija għall-ħabta tas-sena 5200 Q.K.. Dawn kienu komunitajiet ta' bdiewa li għażlu li jfittxu artijiet ġodda fejn jgħammru. Mill-iskavi u l-istudji li saru f'dawn l-aħħar snin, irriżulta li wieħed mill-postijiet magħżulin biex joqogħdu fih kien propju Ta' Skorba.

Skorba hija l-għolja bejn l-Imġarr u ż-Żebbiegħ, eżattament fuq in-naħa tax-xelluġ tat-triq int u tiela' mill-Wied tal-Imġarr u sejjer lejn Għajn Tuffieħa. Imma wieħed jista' jistaqsi x'raw il-bdiewa tal-qedem biex għażlu din l-għolja minn daqstant postijiet?

Fost il-ħafna fatturi li setgħu effetwaw l-għażla tal-post, l-iktar wieħed bażiku bla dubju huwa l-ilma ġieri u tajjeb provdut min-nixxigħat li jinstabu fl-inħawi. Huwa l-ilma li jrid jgħajjex il-bniedem, il-bhejjem li jrabbi u l-ħxejjex li jkabbar. Fil-fatt, il-pożizzjoni ta' Skorba tinsab fuq ir-riħ ta' żewġ widien; il-Wied tal-Imġarr u l-bidu tal-wied li jgħaddi minn bejn il-Wardija u l-Bidnija u jispiċċa f'Wied Qannotta, Burmarrad. Dan il-fatt jagħmlu l-inħawi ta' Skorba fertili ħafna.

Fattur ieħor importanti seta' kien l-orjentazzjoni tas-sit. Dan jista' jingħad għax is-sit preistoriku ta' Skorba (u anke Ta' Ħaġrat li jinsab fl-Imġarr) jinsab fuq in-nofsinhar tal-għolja għal għajn ix-xemx, b'riżultat li għandu aktar dawl u sħana minn postijiet oħra. Jekk wieħed jaħseb ftit, anke n-naħa l-oħra tal-wied hemm l-ilma ġieri u raba' fertili, imma minħabba li jħarsu lejn it-tramuntana, l-inħawi huma ftit aktar dellin u kesħin.



## QABEL L-ISKAVI

Is-sit arkeoloġiku Ta' Skorba ġie skavat u mnaddaf madwar ħamsa u erbgħin sena ilu, wara li kienu għaddew numru ta' snin li kien ġie rrappurtat li kien hemm xi ħaġar kbir jisponta 'l fuq minn wiċċ il-ħamrija. Imma l-bdiewa kienu ilhom jaħdmu l-għelieqi tal-madwar sa mill-antik u huma wkoll kienu jindunaw li kien hemm xi ħaġa differenti minn postijiet oħra. Allura x'kienu jgħidu u jaħsbu n-nies tal-post dwar Skorba?



Ritratt 1: Is-sit ta' Skorba qabel ġie skavat (minn Trump, Skorba 1966)

Bħal postijiet oħra simili, il-fatt li kien hemm ħaġar kbir ħiereġ mill-ħamrija kien joħloq ċertu misteru u anke stejjer li jdawru l-inħawi. Dwar dan tkellimt ma' diversi anzjani tal-post, fosthom Ġużeppa Muscat ta' disgħa u sittin sena li qaltli:

Meta konna tfal kienu jirrakkontaw storja antika ħafna dwar kif grupp ta' ħallelin kienu wettqu serqa mingħand waħda xebba sinjura minn Naxxar. Is-serqa kienet tikkonsisti f'seba' vażuni (żiri) fini u dekorati b'disinn mill-isbaħ u l-famuż għogol tad-deheb. Jingħad li dawn il-ħallelin kienu ħbew l-oġġetti misruqa xi mkien madwar l-għolja ta' Skorba.

Ġara li dawn il-ħallelin kollha mietu bil-konsegwenza li l-affarijiet misruqa ħadd ma ġie għalihom u allura għadhom moħbijin xi mkien fuq l-għolja. Meta konna tfal u konna nilagħbu fl-inħawi, mhux darba jew tnejn konna nfittxu taħt xi borġ ġebel jew nittawlu fit-toqob tal-ħitan tas-sejjieħ biex forsi nsibu xi ħaġa mill-oggetti misruqa. Barra minn hekk, kien hemm min jemmen li l-għoġol tad-deheb kien moħbi taħt il-ħaġra l-kbira.

Ġużepp Grima (1920 – 2003) ukoll tagħni ftit informazzjoni dwar l-inħawi ta' Skorba meta bħala iben il-bdiewa kien jaħdem ir-raba' tal-post:

L-inħawi ta' Skorba kienu kollha għelieqi u l-art kienet tas-sinjur tal-Imdina. Meta kont għadni tfal, l-għelieqi kienu mqabbla lill-familja tagħna. Konna naħdmu kull roqgħa ħamrija li kien hemm. Taf int, dak iż-żmien ma kienx hemm il-makkinarju li hawn illum u allura x-xogħol kien isir bl-idejn. Hekk biz-zappuna konna nduru u ngħażqu madwar il-ħaġar il-kbir li kien jidher ħiereġ mill-ħamrija.

Fil-post kien hemm xi siġar tat-tin abjad. Minbarra li kienu jagħmlu l-frott, jien ġieli kont naqta' xi weraq tat-tin biex inqiegħdu fil-qiegħ u fil-wiċċ tal-mezez meta dawn konna nimlewhom bil-frott għall-pitkalija. Dan il-weraq minbarra li kien jippreserva l-freskezza tal-frott kien jagħti ċertu dehra aħjar u isbaħ meta jiġi biex jinbiegħ fil-pitkalija.

L-għelieqi tal-madwar kellhom ħamrija ħamra minbarra l-għalqa li kien fiha l-ħaġar il-kbir jisponta minn wiċċ il-ħamrija. Din għal xi raġuni kellha ħamrija aktar skura u konna ngħidulha 'Ħabel Germudi'. Ħabel tfisser l-għalqa filwaqt li germudi għax il-lewn tal-ħamrija kien iktar jagħti fil-griż lewn l-irmied.

Barra minn hekk, fil-ħamrija kont tista' ssib numru ta' bċejjeċ tal-fuħħar. Dan kien jinġabar mill-persuni li kienu jagħmlu l-bjut bid-deffun. Dan kien isir billi l-bċejjeċ tal-fuħħar jitfarrku sakemm jiġi trab, imbagħad jitħallat mal-ġir u bit-taħlita jiksu l-bjut il-ġodda tad-djar għax dak iż-żmien kien għadu m'hawnx siment.

Din kienet l-istampa min-naħa tan-nies tal-post dwar l-għolja ta' Skorba. Min-naħa l-oħra l-awtoritajiet, fil-bidu tas-Seklu Għoxrin, kienu beżlin jirċievu informazzjoni u jiskavaw siti preistoriċi. Hekk insibu li l-Ipoġew ta' Ħal-Saflieni kien beda jiġi mnaddaf u skavat fl-1902, kif ukoll it-tempji ta' Ħal-Tarxien kienu ġew irrappurtati fl-1913. Ma' dawn kien hemm siti oħrajn minuri.

Kien f'dan il-perjodu fl-1914, meta Temi Żammit u l-perit C. Rizzo kienu osservaw li fi Skorba hemm ħaġra kbira wieqfa tawwalija[1]. (Sentejn wara kien l-istess perit Rizzo li fl-1916 kien irrapporta is-sit preistoriku Ta' Ħaġrat l-Imġarr[2].) Imbagħad wara tlieta u għoxrin sena, fl-1937, il-Kaptan Charles Żammit, iben Sir Temi Żammit, kien fetaħ trinka u nduna li l-post kellu potenzjal kbir ta' sit preistoriku. Kellhom jgħaddu mhux inqas minn erbgħa u għoxrin sena oħra sakemm is-sit ġie skavat mill-Ingliż Dr David Trump li dak iż-żmien kien il-kuratur tas-siti arkeoloġiċi.

## L-ISKAVI

Ix-xogħol tal-iskavi fi Skorba kien imqassam fuq ħames perjodi, fir-rebbiegħa u l-ħarifa tas-snin 1961-62 u r-rebbiegħa tas-sena ta' wara. Ma Dr Trump, kienu ħadmu numru ta' arkeoloġisti Ingliżi u Maltin. Barra dawn hu kien għażel żewġ ħaddiema (kultant tlieta) li kienu jaħdmu mad-dipartiment tax-xogħlijiet pubbliċi għax-xogħol ta' taħmil u ġarr ta' ħamrija u ġebel. Dawn inzertaw kienu l-Imġarrin Ġianni Bezzina, ta' Luqa (1906 – 1985) u Karmnu Muscat, iż-Żabbar (1909 – 1987). Ma' dawn ġieli ħadem Imġarri ieħor Ġamri Muscat, li llum għandu wieħed u tmenin sena.

Dr Trump jirrakkonta fatt interessanti ħafna li ġara fl-aħħar ġurnata tal-iskavi u li ħallieh jaħseb dwar kemm seta' kien jinvolvi nies il-bini tat-tempji. Ġara li xħin daħal għax-xogħol fl-aħħar ġurnata, induna li kien hemm ġebla kbira li nqalbet minn fuq


Ritratt 2: Ġianni Bezzina (xellug) u Karmnu Muscat (lemin) fis-sit ta' Skorba.

il-ħajt u spiċċat fl-art. Billi ma setgħax iħalliha mal-art, mar iċempel biex jinġieb krejn ħalli jkun jista' jerġa' jqiegħda f'postha. Sakemm reġa' ġie lura stagħġeb mhux ftit meta jsib li l-ġebla kienet tqiegħdet diġà f'postha mill-ħaddiema Ġianni u Karmnu. Minħabba li dawn ma kinux infurmati fejn kien mar, ġabu xi tavluni u gerrbu l-ġebla għal fuq il-ħajt minn fejn kienet waqgħet.

## L-UNIKU RAĦAL PREISTORIKU TAL-GŻEJJER MALTIN [3]

L-iskavi fis-sit Ta' Skorba rriżultaw li kienu ta' siwi kbir għall-istorja tal-arkeoloġija u l-preistorja ta' Malta. Minħabba li x-xogħol sar fi żminijiet riċenti, dan sar iktar b'mod xjentifiku li seta' janalizza aħjar il-fdalijiet li nstabu. Barra minn hekk, minħabba li kien hemm bejn metru u nofs u kultant żewġ metri u nofs ta' depożitu ta' ħamrija li fforma matul il-medda ta' snin u li qatt ma ġew imċaqalqa, Dr Trump seta' jsegwi s-sekwenza tal-fażijiet tal-preistorja ta' Malta.

Bejn il-fdalijiet ta' strutturi tal-ġebel u fdalijiet ta' fuħħar u materjal ieħor instab li n-nies tal-qedem damu jabitaw fuq l-istess roqgħa art għal madwar erbat elef u ħames mitt sena konsekuttivi. Dawn kienu mqassmin fuq numru ta' fażijiet kif jidher fil-figura 2.

**Figura 1:** Tabella tas-sekwenza tal-Preistorja ta' Malta

**Żmien Neolitiku**

| | |
|---|---|
| Għar Dalam | 5200 – 4500 Q.K. |
| Skorba l-Griża | 4500 – 4400 Q.K. |
| Skorba l-Ħamra | 4400 – 4100 Q.K. |

**Żmien it-Tempji**

| | |
|---|---|
| Ħaż-Żebbuġ | 4100 – 3800 Q.K. |
| Mġarr | 3800 – 3600 Q.K. |
| Ġgantija | 3600 – 3000 Q.K. |
| Saflieni | 3300 – 3000 Q.K. |
| Ħal-Tarxien | 3000 – 2500 Q.K. |

**Żmien il-Bronż**

| | |
|---|---|
| Ċimiterju Tarxien | 2500 – 1500 Q.K. |
| Borġ in-Nadur | 1500 – 700 Q.K. |
| Baħrija | 900 – 700 Q.K. |

**Figura 2 (Taħt):** Pjanta tal-fdalijiet li nstabu fi Skorba. Il-kuluri huma l-istess ta' figura 1 biex ikun jista' jsir taqbil bejniethom. Għal skop ta' sempliċità, it-tempji ngħataw il-kulur tal-Fażi Tarxien għalkemm inbnew fil-Fażi Ġgantija u Tarxien u xi tibdil fil-fażijiet ta' wara.

**Fażi Għar Dalam** – 5200 sa 4500 Q.K. (Qabel Kristu) fejn instabu bċejjeċ ta' fuħħar, pedamenti



ta' għarix u ħajt qisu tas-sejjieħ twil madwar ħdax-il metru. Fuq naħa waħda ta' dan il-ħajt instabu fdalijiet ta' żerriegħa tal-qamħ (wheat), xgħir (barley), għads (lentil) u tip ieħor ta' qamħ (emmer) li llum jitkabbar l-aktar għall-għalf. Instab ukoll xi għadam tal-bniedem mhux fil-forma tad-dfin iżda ġo gozz terrapin ta' dan il-perjodu.

**Fażi Skorba l-Griża** – 4500 sa 4400 Q.K. fejn instab tip ta' fuħħar li ma kienx instab bħalu qabel fil-Gżejjer Maltin. Minħabba f'hekk din il-fażi ingħatat l-isem tal-post fejn instabet. Ta' din il-fażi nstab ukoll fdalijiet ta' ħajt, aktarx ta' għarix.

**Fażi Skorba l-Ħamra** – 4400 sa 4100 Q.K. fejn instabu l-pedamenti ta' żewġt ikmamar, jew kappelli, li mill-fdalijiet li nstabu fihom aktarx li kienu jintużaw għar-ritwali ta' qima tal-komunità. Fihom instabu l-figurini tal-mara u għadam tal-annimali. Dan ifisser li dawn huma l-eqdem figurini tal-mara li nstabu fil-Gżejjer Maltin. Instab ukoll fuħħar ta' lewn ħamrani li bħalu ma kienx instab qabel. Għalhekk din il-fażi ingħatat ukoll l-isem tal-post fejn instabet.

**Ritratt 3:** Statwetta ffurmata minn tliet biċċiet li nstabu fil-kmamar/kappelli ta' Skorba l-Ħamra



Dawn it-tliet fażijiet flimkien jissejħu Żmien il-Ħaġar. Aktarx li għal xi raġuni jew oħra din ir-razza ta' nies għebu mill-Gżejjer Maltin. Warajhom ġiet razza oħra li reġgħu abitaw fl-istess post. Kienu dawn in-nies li bnew it-tempji u għalhekk dan il-perjodu jissejjaħ Żmien tal-Bennejja tat-Tempji li jinqasam f'dawn il-fażijiet:

**Fażi Żebbuġ** – 4100 sa 3800 Q.K. Ta' din il-fażi nstabu fdalijiet ta' tliet għerejjex u numru ta' bċejjeċ ta' fuħħar.

**Fażi Mġarr** – 3800 sa 3600 Q.K. Għalkemm dan il-perjodu kien wieħed qasir, xorta nstabu fdalijiet ta' għarix flimkien ma' numru ta' bċejjeċ ta' fuħħar.

**Fażi Ġgantija** – 3600 sa 3000 Q.K. Kien f'din il-fażi li n-nies tal-qedem bdew jibnu l-ewwel tempji tagħhom. Fi Skorba nbena t-tempju tal-Punent fuq il-pjanta ta' bieb ewlieni f'nofs faċċata ġejja għat-tond, b'entratura għal spazju rettangolari li jagħti għall-apsida ċentrali u b'żewġ apsidi oħra laterali fuq ix-xellug u l-lemin tal-wisa' rettangolari. Din il-pjanta bi tliet apsidi hija simili għat-tempju l-kbir Ta' Ħaġrat u tal-Ġgantija tan-Nofsinhar fl-ewwel parti tal-bini tiegħu. Ta' din il-fażi nstabu wkoll il-pedamenti ta' ħamsa jew sitt għerejjex. F'wieħed minnhom partikulari nstabu l-fdalijiet ta' ħdax-il mitħna tal-id għat-tħin tal-qamħ. Ma' dawn l-istrutturi kien hemm ukoll numru ta' fuħħar.

**Fażi Saflieni** – 3300 sa 3000 Q.K. fejn instabu numru ta' bċejjeċ ta' fuħħar.

**Fażi Tarxien** – 3000 sa 2500 Q.K. Kien f'din il-fażi li nbena t-tieni tempju, dak tal-Lvant fuq pjanta ftit differenti mill-ieħor. Jista' jkun li matul is-snin il-Bennejja tat-Tempji ħassew il-bżonn ta' aktar wisa' ġewwa t-tempji tagħhom. Għalhekk biddlu ftit il-pjanta tat-tempji biex minflok tliet apsidi jkollhom erbgħa. Dan sar billi żiedu żewġ apsidi oħra wara l-ewwel tnejn filwaqt li dik ċentrali ċekknuha għal sempliċi niċċa b'artal fiha. Simili għal dan it-tempju ta' Skorba nsibu t-tempju tat-Tramuntana tal-Ġgantija kif ukoll tal-Imnajdra u Tarxien, fost l-oħrajn. Ma' dawn il-fdalijiet instabu wkoll numru ta' bċejjeċ ta' fuħħar u ġebla li fiha faċċata ta' tempju mħażżeż fuqha. (Ritratt 4) Dan ifisser li l-bennejja tat-tempji kienu jagħmlu xi forma ta' pjanta u disinn tal-istruttura, jiġifieri kellhom il-periti u d-disinjaturi tagħhom.

**Ritratt 4**: Faċċata ta' tempju mħażża jew migrufa fuq ġebla li nstabet fi Skorba (minn Trump, Skorba 1966).



Wara din il-fażi jidher li għat-tieni darba fil-preistorja, in-nies għebu mill-Gżejjer Maltin. Warajhom ġiet razza oħra ta' nies li din id-darba ġabu materjal ġdid magħhom, il-bronż. Għalhekk dan iż-żmien jissejjaħ Żmien il-Bronż. Mill-fdalijiet jidher li dawn in-nies ukoll ġew joqogħdu fi Skorba imma ma kienx għadu jinteressahom it-tempji. Żmien il-bronż ukoll jinqasam f'numru ta' fażijiet:

**Fażi Ċimiterju ta' Ħal-Tarxien** – 2500 sa 1500 Q.K. Mill-fdalijiet li nstabu jidher li t-tempji ġew abbandunati anzi f'dak tal-Punent imbnew xi ħitan fl-apsida ċentrali biex jabitaw fiha n-nies. Instabu wkoll fdalijiet ta' fuħħar marbut ma' dan il-perjodu.

**Fażi Borġ in-Nadur** – 1500 sa 700 Q.K. u Fażi Baħrija – 900 sa 700 Q.K. F'dawn il-fażijiet jidher li l-attività fi Skorba kienet naqset sewwa u kull ma nstab kienet biċċa fuħħar li turi li l-bniedem kien għadu joqgħod fil-post.

Minbarra dawn l-affarijiet kollha li semmejna fi Skorba nstabu wkoll il-fdalijiet tal-għadam tal-annimali domestiċi li kellu l-bniedem fil-preistorja, bħal mogħoż, nagħaġ, baqar u ħnieżer.

Mill-istudji li saru b'reqqa kbira nstabu wkoll xi kwalitajiet ta' siġar kienu jeżistu fi Skorba dak iż-żmien. Hekk minn sample ta' rmied (mill-fażi Għar Dalam) li x'aktarx kien il-fdal tan-nar li kien jintuża għat-tisjir, instab li kien magħmul miz-zkuk tas-siġra ta' Ġuda (Judas Tree), Żagħrun (Hawthorn) u Fraxxnu (Ash). Minn saff ieħor ta' rmied li nstab mifrux fit-Tempju Tal-Lvant irriżulta li kien kollu ġej minn siġar taż-żebbuġ. Dan is-saff ta' rmied juri li x'aktarx li t-tempju kien imsaqqaf biz-zkuk tas-siġar u weraq ieħor li nħaraq f'xi żmien. Mhux ta' b'xejn li b'dan il-materjal kollu li semmejna, il-ħamrija madwar il-ħaġra l-wieqfa ta' Skorba, kienet aktar skura mill-għelieqi tal-madwar.

Dan kollu li semmejna nstab fis-sit preistoriku ta' Skorba. Sit li ġie abitat mill-ewwel nies li ġew Malta minn Sqallija u li baqa' jintuża għal eluf ta' snin kontinwament. Għalkemm is-sit ma joffrix l-ispettakolarita li joffru siti oħra bħal Ġgantija u Ħaġar Qim, fih instabet minjiera ta' tagħrif dwar il-preistorja ta' Malta. Hu l-uniku post fejn instab villaġġ preistoriku fil-Gżejjer Maltin. Kif kien xieraq, fl-1992, flimkien ma' siti oħra, dan is-sit ġie ddikjarat Wirt Dinji tal-Umanità.

## ĦAJR

Lil kull min tagħni xi informazzjoni, lill-familji Bezzina u Muscat li għaddewli r-ritratt ta' Ġianni u Karmnu fis-sit ta' Skorba u lil Dennis Mizzi tad-disinji fuq il-kompjuter.

© Mario Vassallo 2009

[1]Temi Zammit Archaeological Field Notes Notebook no.4

[2]Temi Żammit (1929) Bulletin of the Museum pg. 6

[3]D. H. Trump, Skorba, London 1966